# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 2 ta' Marzu, 2016**

**Kawża Nru. 12**

**Rik. Nru. 410/15JRM**

**JAC STEEL LIMITED** (C – 4665)

vs

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA** u l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-4 ta' Mejju, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi talbet lil din il-Qorti (a) issib li l-għemil tal-imħarrkin, jew ta' min minnhom, li jelevaw jew b'kull mod ieħor jippruvaw jieħdu pussess tal-gaffa tal-għamla *Fiat Allis* li hija ħwejjiġha, sar lil hinn mis-setgħat tagħhom fil-liġi, kien abbużiv, u jikser il-Kostituzzjoni; u (b) li tħassar, tirrevoka u tannulla kull deċiżjoni mogħtija

mill-istess imħarrkin, jew min minnhom, dwar il-qbid, l-elevazzjoni jew it-tneħħija tal-pussess tal-imsemmija gaffa minn taħt idejha. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 2015[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-1 ta' Ġunju, 2015, li biha l-Awtorita' mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li (a) safejn l-azzjoni tal-kumpannija attriċi saret kontra tagħha, l-azzjoni ma tiswiex għaliex għall-finijiet tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma saritx talba b'att ġudizzjarju qabel ma nfetħet din il-kawża; (b) l-azzjoni attriċi ma tgħidx b'mod ċar x'inhi n-natura tal-azzjoni mibdija mill-kumpannija attriċi. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu għaliex il-gaffa kienet qiegħda tintuża biex jintrema skart, magħdud miegħu skart li jagħmel ħsara, ġo sit li ma huwiex faċilita' maħsuba għar-rimi tal-iskart b'permess kif jaħseb l-artikolu 12(5) tal-Avviż Legali 184 tal-2011, iżda ġo sit li jgawdi minn ħarsien ambjentali mħarsa bis-saħħa tal-Avviż Legali 200 tal-2011 u dawk tal-Avviż Legali 146 tal-1993. Minbarra dan, ir-rimi kien jikkostitwixxi reat għall-finijiet tal-artikolu 94 tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm hu hekk, tnedew proċeduri kriminali kontra min kien qiegħed jarmi dak l-iskart. Żiedet tgħid li l-proċess tal-elevazzjoni tal-gaffa kien wieħed (i) għal kollox leġittimu, (ii) ma jikser bl-ebda mod il-Kostituzzjoni, u (iii) b'ħarsien sħiħ ma' dak li trid il-liġi, u l-obbligi li joħorġu minnha, fosthom l-artikolu 66 tal-imsemmi Kap 504;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija fid-19 ta' Ġunju, 2015, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex l-uffiċjali tal-Pulizija wettqu xogħolhom skond il-liġi kif joħorġu mill-artikolu 346 tal-Kodiċi Kriminali u mill-Kapitolu 504 kull fejn ikun qed jitwettaq reat. Għalhekk l-għemil ma kien u la jikser il-liġi ordinarja, la kien qiegħed isir lil hinn mis-setgħat mogħtija mill-istess liġi u wisq anqas kien qiegħed jsir bi ksur tal-Kostituzzjoni. Żied jgħid li, bħala riżultat tal-investigazzjonijiet li saru fuq il-post, irriżulta li kien qiegħed jitwettaq reat bir-rimi ta' materjal ġo sit li jgawdi minn ħarsien ambjentali u l-elevazzjoni tat-tagħmir (il-gaffa) huwa waħda mill-miżuri maħsuba mil-liġi nnifisha taħt ir-Regolament 10(4) tal-Liġi Sussidjarja 504.67 f'ċirkostanzi bħal dawn. Bħala awtorita' li tħares u tissorvelja r-rimi ta' skart illegali skond

[1] Paġ. 5 tal-proċess

il-Kap 504, l-imħarrek għandu kull setgħa li jara li l-liġi tkun tħarset minn min ikun. Temm jgħid li kienet l-Awtorita' mħarrka li talbitu jieħu l-passi meħtieġa biex iressaq lil min kien imdaħħal fir-rimi tal-iskart u li fil-fatt ittieħdu passi kontrihom bil-Qorti;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-kumpannija attriċi waqt is-smigħ tal-11 ta' Novembru, 2015[2], fejn b'riferenza għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita' mħarrka, ikkonferma li, qabel ma nfetħet il-kawża, il-kumpannija attriċi ma kenitx bagħtet interpellazzjoni ġudizzjarja lill-imsemmija Awtorita';

Rat id-degriet tagħha tal-istess jum, fejn ordnat li jinġabu quddiemha l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "*JAC Steel Limited vs Kummisarju tal-Pulizija*"[3] degretat fl-14 ta' April, 2015;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat l-atti tal-kawża, magħduda wkoll dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 454/2015;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Jannar, 2016, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar ilment magħmul minn sid ta' inġenju li l-awtoritajiet riedu jelevaw mingħand sidu talli nqabad jarmi skart f'post mhux awtorizzat għal hekk. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Jac") hija sidt ta' gaffa li kienet qiegħda tintuża biex jintrema skart minn ġo fabbrika u nżammet milli tkompli tagħmel dan waqt spezzjoni fuq is-sit minn membri tal-Awtorita' mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "Mepa") bl-għajnuna ta' membri tal-Korp tal-Pulizija. Jac trid li l-Qorti ssib li t-tehdida tal-elevazzjoni tal-gaffa minn taħt idejha min-naħa tal-imħarrkin, jew ta' min minnhom saret bi ksur tal-liġi, kienet abbużiva u wkoll tikser il-Kostituzzjoni;

Illi għal din l-azzjoni, il-Mepa laqgħet b'eċċezzjonijiet kemm preliminari kif ukoll fil-mertu. Fost l-eċċezzjonijiet preliminari, qalet li qabel ma nfetħet

[2] Paġ. 24tal-proċess
[3] Rik. Nru. 454/15JRM

din il-kawża, Jac naqset li tressaq kontriha att ġudizzjarju fi żmien ta' minn tal-anqas għaxart ijiem, u li dan bi ksur tad-disposizzjoni tal-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi s-sentenza tal-lum qiegħda tingħata dwar din l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li Jac hija sidt il-gaffa tal-għamla "*Fiat Allis*" u tikri mingħand il-kumpannija Malta Industrial Parks Limited (MIP) fabbrika fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, fi Triq Garibaldi, indikata bħala MRA001;

Illi fl-10 ta' Marzu, 2015, kienet saret laqgħa bejn Jac, MIP u l-Mepa dwar kif kellu jsir it-tindif tas-sit li Jac intalbet tnaddaf u x-xogħlijiet li kienu meħtieġa għall-invellar tal-art wara li jitneħħa l-iskart. Skond l-imsemmi ftehim, Jac kellha tforni l-gaffa u ħaddiem minn tagħha biex iħaddem il-gaffa u x-xogħol isir taħt id-direzzjoni ta' MIP;

Illi fuq talba tal-istess MIP, Jac bdiet tnaddaf sit ta' art li kien jagħmel minn fabbrika oħra taħt it-tmexxija ta' MIP fis-17 ta' Marzu. Fuq dan is-sit mitluq kien hemm kwantita' ta' skart ta' kull sura, magħduda materjal tal-bini u roti[4];

Illi waqt spezzjoni li kienet qiegħda ssir fuq is-sit, ħareġ li l-iskart kien qiegħed jintefa' fil-wied li jiġi wara l-fabbrika, fl-inħawi taċ-Ċimiteru ta' Santa Marija Addolorata[5], liema wied huwa skedat[6];

Illi fuq il-post waslu uffiċjali tal-Mepa u wkoll uffiċjali tal-Pulizija li żammew lil min kien qiegħed iħaddem il-gaffa milli jkompli jitfa' l-materjal fil-wied. Dan għamluh bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tar-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi[7];

Illi minnufih dak inhar stess, Jac ressqet talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, liema talba ntlaqgħet provviżorjament. It-talba ntlaqgħet b'mod definittiv b'degriet tal-14 ta' April, 2015;

[4] Ara Dokti "JV1" sa "JV6", f'paġġ. 18 – 23 tal-atti tal-Mandat 454/15JRM
[5] Xhieda ta' PS1030 Clinton Theuma f'paġġ. 33 – 4 tal-atti tal-Mandat 454/5JRM
[6] Xhieda ta' Carmel Gafa' f'paġ. 27 tal-atti tal-Mandat 454/15JRM
[7] A.L. 344/2005 (L.S. 504.67)

Illi b'ittra tas-26 ta' Marzu, 2015, Mepa bagħtet ittra lill-Kummissarju mħarrek biex imexxi ("*letter to prosecute*"[8]) kontra min kien imdaħħal fir-rimi tal-iskart hemmhekk[9];

Illi Jac fetħet din il-kawża fl-4 ta' Mejju, 2015;

Illi dwar il-konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-eċċezzjoni taħt eżami, jibda biex jingħad li l-artikolu 460(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jrid li l-ebda att ġudizzjarju li bih jinbeda proċediment ma jista' jitressaq u ebda proċediment ma jista' jittieħed jew jinbeda kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita' uffiċjali tagħha qabel ma jgħaddu għaxart ijiem min-notifika b'ittra uffiċjali jew protest li jfissru b'mod ċar il-pretensjoni jew talba lill-Gvern, awtorita' jew persuna bħal dak;

Illi hemm qbil li Jac ma bagħtet l-ebda interpellazzjoni ġudizzjarja lill-Mepa qabel ma fetħet din il-kawża. Madankollu, il-kawża nfetħet wara li Jac kienet kisbet Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-imħarrek l-ieħor il-Kummissarju tal-Pulizija;

Illi l-eċċezzjoni qajmitha l-Mepa, għaliex fil-każ tal-Kummissarju mħarrek jidher li jgħodd diskors ieħor. Kemm hu hekk, il-Qorti hija tal-fehma li ladarba l-kawża kienet ir-riżultat dirett u meħtieġ tal-ilqugħ tal-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub minn Jac, ma jidhirx li kien meħtieġ li din terġa' tinterpella lill-Kummissarju mħarrek b'att ġudizzjarju qabel fetħet il-kawża. Ladarba l-Mandat ta' Inibizzjoni ntlaqa' hija l-liġi nnifisha li tiddetta ż-żmien li fih il-kawża jmissha tinbeda biex l-effetti tal-Mandat ma jintilfux[10]. Għalhekk, jidher li bis-saħħa tal-ħruġ tal-Mandat, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460(1) ma jibqgħux jgħoddu għaliex f'każ bħal dan "għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor ... u l-imsemmija proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom"[11];

Illi l-kwestjonijiet li jqumu bl-eċċezzjoni taħt eżami huma tnejn: l-ewwel waħda hi (i) jekk l-Awtorita' mħarrka għandhiex titqies bħala soġġetta għad-disposiżżjoni tal-artikolu 460; filwaqt li t-tieni hi (ii) jekk il-fatt li nħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni fuq talba ta' Jac ikunx biżżejjed biex ma jibqax jgħodd l-artikolu 460(1) u jekk jidħlux fis-seħħ l-eċċezzjonijiet tal-

---

[8] Dok "KP", f'paġġ. 18 – 9 tal-proċess
[9] Xhieda tal-Ispettur Jurgen Vella f'paġ. 38 tal-atti tal-Mandat 454/15JRM
[10] Art. 843(1) tal-Kap 12
[11] Art. 460(2) *proviso* tal-Kap 12

artikolu 460(2). Il-Qorti għaldaqstant sejra tqis kull mistoqsija skond din is-sekwenza;

Illi dwar l-ewwel mistoqsija, l-għaref difensur ta' Jac jikkontesta li l-Mepa taqa' taħt il-kappa ta' "*persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha*" u jargumenta li mhijiex waħda mill-entitajiet li għalihom jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu, u għalhekk ma kienx hemm bżonn li Jac tinterpellaha b'att ġudizzjarju biex l-azzjoni tagħha tkun tgħodd. Min-naħa tagħha, l-għaref difensur ta' Mepa jistrieħ fuq il-fatt li f'kawżi ta' stħarriġ ġudizzjarju, il-Qrati dejjem qiesu lill-Awtorita' bħala awtorita' pubblika. Jgħid ukoll illi l-Awtorita' hija mwaqqfa b'liġi u hija mogħtija setgħat ta' awtorita' pubblika, u twettaq funzjonijiet pubblici;

Illi dwar dan il-punt, f'għadd ta' sentenzi li ngħataw marbuta mat-tifsir ta' dan l-artikolu tal-liġi, il-Qrati mhux dejjem kienu tal-istess fehma: filwaqt illi xi drabi l-Qrati laħqu affermaw li l-Mepa għandha titqies bħala waħda mill-korpi li għalihom jgħodd l-artikolu 460 tal-Kap 16[12], bl-istess mod, f'każijiet oħra intefa' dubju fuq kemm il-Mepa tista' taqa' taħt id-disposizzjoni tal-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12[13];

Illi f'dan ir-rigward, din il-Qorti tqis illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-Mepa twettaq funzjonijiet pubbliċi u tħaddan kwalita' ta' awtorita' pubblika b'kariga pubblika. Għaldaqstant bħal fil-każ ta' entitajiet oħrajn mogħnija b'setgħat ta' awtorita' pubblika u maħluqa b'liġi, l-Awtorita' għandha titqies bħala waħda mill-korpi li għalihom jgħodd l-artikolu 460 tal-Kap 12;

Illi dwar it-tieni mistoqsija għandu jingħad li l-ħtieġa tal-ħruġ ta' talba ġudizzjarja qabel tista' tinfetaħ kawża jew jittieħed proċediment ieħor hija regola proċedurali li tagħti privileġġ lill-Gvern, korpi u persuni msemmija f'kawżi li fihom ikunu mħarrkin, liema privileġġ ġie mfisser li japplika għal kull għamla ta' att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni[14]. Bħala tali, din ir-regola tirrappreżenta limitazzjoni fuq il-jedd tal-persuna li tfittex il-jeddijiet tagħha kontra l-amministrazzjoni pubblika. Hija regola iebsa li teżigi li tingħata tifsira restrittiva biex ma toħnoqx bla bżonn l-azzjoni ġudizzjarja kontra l-awtorita' pubblika fejn din tista' tibqa' miexja 'l quddiem. Jibqa' dejjem li

[12]Ara, fost oħrajn, P.A. AM **2.10.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Spiteri et vs Chairman għan-nom ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar et*** (mhix pubblikata); P.A. (Kost) **3.10.2002,** T.M., fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Enterprises Limited vs. Awtorita' tal-Ippjanar*** (sentenza *in parte*) u r-referenzi hemm imsemmija; u P.A. JA **30.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Antoine Gatt vs Chairman tal-Malta Environment and Planning Authority et*** (sentenza *in parte*)
[13] P.A. GC **12.10.2012**fil-kawża fl-ismijiet ***Leo Camilleri et vs. L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar*** (sentenza *in parte*)
[14] App. Ċiv. **9.2.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***David Harding vs Lawrence A. Farruġia et*** (mhix pubblikata)

dan il-privileġġ proċedurali huwa wieħed ta' ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista' titqajjem mill-Qorti *ex ufficio*[15]. Jingħad ukoll illi min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jħares b'reqqa dak li jitlob l-imsemmi artikolu, u li tali azzjoni titressaq kontra dik l-Awtorita' li tkun giet interpellata[16];

Illi huwa minnu illi l-iskop wara l-interpellazzjoni meħtieġa kontra l-Gvern hija maħsuba biex l-Gvern jew l-entitajiet pubbliċi jkunu jafu b'dak li qed jilmenta minnu l-attur, u għaldaqstant anke toħloq possibilta illi jintlaħaq ftehim u tiġi evitata kawża bla bżonn[17], iżda minn naha l-oħra l-liġi hija preċiza dwar liema mill-atti ġudizzjarji l-imħarrek għandu jiġi interpellat bihom, l-ittra uffiċjali jew protest;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li Mepa għandha raġun tilmenta min-nuqqas ta' Jac u dwar is-siwi tal-azzjoni attriċi fil-konfront tagħha, ladarba Jac ma kienx dehrilha li kellha tmexxi kontriha wkoll il-proċeduri għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni li kisbet kontra l-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni preliminari jistħoqqilha tintlaqa';

Illi l-fatt li l-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjoni tal-Mepa ma jwassalx, f'dan il-każ, għad-dikjarazzjoni li l-azzjoni kollha ta' Jac titqies mingħajr siwi. Dan qiegħed jingħad għaliex, kif issemma qabel, fir-rigward tal-Kummissarju mħarrek ma kienx hemm l-ebda ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 460, ladarba din il-kawża nfetħet wara li nħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni. Minbarra f'dan, jidher li għandha titqies bħala tajba u ta' min jimxi magħha dik il-linja ta' deċiżjonijiet li tgħid li n-nullita' tal-azzjoni li tinfetaħ bi ksur tal-artikolu 460 tal-Kap 12 tgħodd biss għal dawk l-awtoritajiet pubbliċi li lilhom tolqot u mhux lil kull min jista' jkun imħarrek fil-kawża. Fi kliem ieħor, in-nullita' li tiġri bin-nuqqas ta' tħaris tal-imsemmi artikolu tal-liġi tolqot biss lil dik il-parti li fil-konfront tagħha jkun seħħ dak in-nuqqas[18];

[15] Ara P.A. FGC **7.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Dominic Savio Spiteri vs Onor. Prim Ministru et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**27.2.2004**)
[16] Ara Maġ. (Għ) AE **16.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Sacco vs Suprintendent Mediku Sptar Ġenerali ta' Għawdex et*** (mhix appellata)
[17] Ara f'dan is-sens P.A. AE **28.03.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***H.P. Cole Limited vs. Malta Industrial Parks Limited***
[18] P.A. **25.1.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja et vs Spiteri et*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.666**) u Maġ. (Għ) AE **30.3.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Camilleri vs Peter Paul Camilleri et*** (mhix appellata)

Illi għalhekk, il-fatt li l-Qorti sejra tilqa’ l-eċċezzjoni preliminari mqajma mill-Mepa, din mhijiex sejra tibdel il-qagħda tal-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija li tħarrek tajjeb;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-Awtorita’ mħarrka u ssib li l-azzjoni attriċi ma tiswiex fil-konfront tagħha għaliex saret bi ksur ta’ dak li jitlob l-artikolu 460(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, u għalhekk qiegħda teħles lill-istess Awtorita’ mħarrka milli tibqa’ aktar fil-kawża, bi **spejjeż** għall-attur;

**Tordna** li l-kawża titkompla fir-rigward tal-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija, għaliex l-azzjoni attriċi fil-konfront tiegħu mhijiex milquta mill-ebda nullita’ għall-finijiet tal-istess artikolu.

**Moqrija.**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**2 ta’ Marzu, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**2 ta’ Marzu, 2016**